## It-Tmintax-il Ħadd Matul is-Sena
## "Is-siwi tal-Ġid tal-Art"

***Daħla:*** Fil-mixja tagħna wara Ġesù, niġu malajr wiċċ imb'wiċċ mar-realtà tal-ħajja eterna. X'inhu s-siwi tal-ġid tal-art fid-dawl tal-Ħajja Eterna? Kull ma' jikseb il-bniedem fuq din l-art jiġifieri flus, ġid, teżori, propjetà, wirt, ikun xi jkun, għandu valur sakemm indumu ħajjin. X'jiswa għall-bniedem meta dan imut u jmur quddiem Alla? Fuq dan se jkellimna Ġesù illum. Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** It-taħbit tal-bniedem biex jaqla' x'jiekol u jgħix ħajja deċenti għandu l-valur tiegħu. Imma waħdu, waħdu, ma jiswiex għal ħajja ta' dejjem. Nisimgħu.

***Responsorju tas-Salm:*** **Mulej, int kont għalina kenn minn nisel għal nisel.**

***It-Tieni Qari:*** "Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema ... fittxu l-ħwejjeġ tas-sema". Alla jiftħilna għajnejna b'dan il-kliem f'dan il-qari. U Alla jaf x'inhu ta' veru ġid għalina.

***Offertorju:****(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Noffru flimkien il-ġid li Alla pprovdilna. U nistennew mingħandu l-aqwa ġid li hu Kristu innifsu f'ħajjitna.

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
L-akbar ġid li nistgħu nakkwistaw u li jiswa kemm għalissa u kemm għall-ħajja ta' dejjem hu b'xejn, hu rigal ta' Alla li jħobbna. Dan hu t-Tqarbin. Ejjew nersqu b'fidi u gratitudni. Inkantaw flimkien....

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Missierna, grazzi talli tajtna lil Ġesù u lill-Ispirtu s-Santu. Ħuti, nirringrazzjaw lill-Mulej tal-ġid kollu, spiritwali u materjali, li jipprovdilna waqt li ngħidu (jew) inkantaw...

***Kant tal-Għeluq...***